MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 114/2009

**A B**
**vs**
**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Marzu 1998, u f'dan iz-zwieg twieldet tarbija fit-12 ta' Settembru 1998; li z-zwieg huwa null fit-termini tal-paragrafi [a][d][f] u [g] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghaldaqstant qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi dan iz-zwieg, bid-debita registrazzjoni fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut, filwaqt li ddikjara li hu jaqbel li z-zwieg huwa null, jichad dak attribwit lilu, u jattribwixxi r-responsabbilita' lill-istess attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg kuntrattat mal-konvenut fl-20 ta' Marzu 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-artikolu tal-ligi u tal-paragrafi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut jaderixxi mat-talbiet attrici, salv l-kontestazzjoni da parti tieghu dwar ir-responsabbilita'.

**Il-Fatti**

Illi jirrizulta sodisfacentement provat li l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Marzu 1998, wara li kienu ilhom jffrekwentaw lil xulxin circa tlett xhur, u meta l-attrici kellha tlett xhur tqala. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa tmien snin, il-partijiet isseparaw *de facto* meta l-attrici telqet mid-dar konjugali biex tkompli relazzjoni extra-matrimonjali ma' ragel iehor, ta' nazzjonalita' barranija, u li minnu llum ghandha tarbija.

L-attrici tispjega li wara circa hmistax li l-partijiet bdew johorgu flimkien huma bdew jaghmlu l-att taz-zwieg minghajr prekawzzjoni, bir-rizultat li l-attrici harget tqila. Unikament minhabba dan il-fatt, u biex it-tarbija titwieled fiz-zwieg, il-partijiet iddecidew li jizzewgu, u kien biss, wara dan, u ftit qabel il-gurnata taz-zwieg li hi gharrfet lill-genituri taghha bil-kondizzjoni taghha.

L-attrici tispjega li lill-konvenut ma kinitx thobbu, u kienet takkuzah li gharqilha hajjitha. Kien ghalhekk li wara z-zwieg hija kienet tirrifjuta li jkollha x'taqsam mieghu, u r-relazzjonijiet intimi kienu limitati biss ghall-attivita' sesswali ohra, li pero' ma kinitx *sexual intercourse*. Hija kienet iggib diversi skuzi biex ma jkollhiex x'taqsam ma'

zewgha li minn naha tieghu kien igerger hafna u anke kien jissuppervja, izda li kien jaccetta s-sitwazzjoni. L-attrici tghid li kienu jaghmlu sess mod iehor, bhal sess orali, biex jinqeda l-konvenut.

Dan kien fonti kontinwa ta’ tilwim bejn il-konjugi, stante li l-konvenut kien jirrabbja li kien jigi mcahhad mid-dritt konjugali da parti ta’ martu li minn naha taghha, salv ghal din ic-cirkostanzi, kienet tiehu hsieb id-dar u l-familja, u kienet ukoll tiggestixxi l-flus ghall-bzonnijiet tal-hajja.

Eventwalment l-attrici qabdet ma’ persuna barranija *tramite* l-*internet*, u wara xi zmien telqet mid-dar konjugali biex tkompli r-relazzjoni extra-matrimonjali ma’ din il-persuna; u llum ghandha tarbija minnu.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jissostanzja l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, u jghid li, ghalkemm it-tqala kienet ir-raguni principali li ghaliha hu ddecieda li jizzewweg lill-attrici, huwa ried jizzewweg biex ikollu familja; izda l-attrici kienet tirrifjuta li jkollha x’ taqsam mieghu sesswalment, u dan kien fonti ta’ glied u frustrazzjoni da parti tieghu li kien ikollu jikkuntenta b’ attivita’ sesswali ohra biex jissodisfa l-bzonnijiet tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-assiem tal-provi jirrizulta car u manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha l-attrici kienet affetta minn difett serju ta’ nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju dwar l-import tal-hajja matrimonjali, u precizament dwar id-dritt tal-konjugi ghall-att taz-zwieg. Hija zzewget ghax kienet harget tqila, u kienet din ic-cirkostanzi l-bazi kollha tad-decizjoni taghha li tinghaqad fi zwieg ma’ ragel li bil-kemm kienet taf. Konsegwentement, izda mhux sorprendentement, wara z-zwieg hija kienet turi riluttanza manifesta li jkollha x’ taqsam mal-konvenut allura zewgha li ma kinitx thobb. Fi kliem iehor hija kienet inkapaci li tghix il-hajja konjugali mar-ragel taghha; u dan kien ta’ ostakolu serju sabiex il-partijiet jghixu f’unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-*benessere* reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied biex b’hekk jifformaw komunjoni ta’ hajja u mhabba.

Minn naha tal-konvenut, il-Qorti ma tara xejn censurabbli, ghajr li forsi ghaggel wisq meta accetta li jizzewweg lill-attrici meta ma kienx ghadu jafha sew.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] art.19[1] li jkkonfigura fil-konfront ta' l-attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Marzu 1998.

L-ispejjez jkunu kollha a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------